MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1453/1993/1

**Saviour Grech u John Agius ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Data Systems Company Limited**

**v.**

**George Spiteri u Susan Spiteri bhala diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Grands Real Estate Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI**

1. B'citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-atturi nomine ippremettew hekk:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' hamest elef erba' mija u tnax-il Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM5,412.21) rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' sistema ta' computers u accessorji mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, fuq ordni taghha skond invoice annessa Dok. A;

Illi ghalkemm mitlubabiex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti nomine baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu ta' l-atturi nomine fis-somma ta' LM5,412.21 hu cert, likwidu u esigibbli u l-konvenuti nomine fil-fehma ta' l-atturi nomine ma ghandhom l-ebda difiza opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba ta' l-atturi nomine ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit anness Dok. X;

Ghalhekk talbet lill-ewwel Qorti biex

(1) taghti s-sentenza u tilqa' t-talba ta' l-atturi nomine bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi nomine s-somma ta' LM5,412.21,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax kummercjali mis-27 ta' Novembru 1991, sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tad-19 ta' Awissu 1993, kontra l-konvenuti nomine.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI NOMINE**

2. Il-konvenuti nomine eccepew hekk:

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenuti nomine hallsu l-ammont kollu li kienu obbligati jhallsu kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-interessi mhumiex dovuti mis-27 ta’ Novembru 1991, ghaliex l-imghax jista’ jiddekorri biss mid-data ta’ l-iskadenza tal-pagamenti liema dati huma stipulati fil-“klawzola” intitolata “Terms of Payment” fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Novembru 1991, huwa anness bhala Dok. Z;

(3) Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi nomine huma debituri tal-konvenuti nomine billi ikkawzawlhom danni rizultat ta’ inadempjenzi kuntrattwali peress li naqsu jikkonsenjaw lill-konvenuti nomine “Modem and Communication Software” u peress illi naqsu jikkommissjonaw is-software rikjest ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Novembru 1991, u hawn anness bhala Dok. Z, liema pretensjoni ta’ danni qed tigi avanzata permezz tat-talbiet rikonvenzjonali hawn annessi;

**IL-KONTRO-TALBA TAL-KONVENUTI NOMINE**

3. F’kontro-talba tal-konvenuti nomine gie premess hekk:-
Illi l-atturi noe naqsu li jikkonsenjaw lill-konvenuti noe “Modem & Communication Software” kif kienu obbligati jaghmlu ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet tas-27 ta’ Novembru 1991, u hawn anness bhala Dok. Z u dan skond l-artikolu intitolat “List of Hardware and Software”;

Illi sal-gurnata tal-lum l-atturi nomine ghadhom u ma ikkommissjonawx is-Software rikjest kif kontemplat mill-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Novembru 1991, u hawn anness bhala Dok. Z;

Illi bhala rizultat ta’ dan il-ksur kuntrattwali l-konvenuti noe soffrew danni ngenti;

Ghalhekk il-konvenuti nomine talbu lill-Qorti:

(1) Tiddikjara li l-atturi nomine naqsu li jikkunsinnaw lill-konvenuti nomine “Modem & Communication Software” kif kienu obbligati li jaghmlu ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Novembru 1991, u hawn

anness bhala Dok. Z u dan skond l-artikolu intitolat “List of Hardware and Software”;

(2) Tiddikjara li l-atturi nomine ghadhom ma ikkommissjonawx is-Software kif kontemplat fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Novembru 1991, u hawn anness bhala Dok. Z;

(3) Tiddikjara li bhala rizultat ta’ dan il-ksur kuntrattwali da parti ta’ l-atturi nomine, il-konvenuti nomine soffrew danni ingenti;

(4) Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti nomine kawza ta’ l-inadempjenzi kuntrattwali da parti ta’ l-atturi nomine;

(5) Tikkundanna lill-atturi nomine jhallsu lill-konvenuti nomine d-danni hekk likwidati;

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TA’ L-ATTURI NOMINE GHALL-KONTRO-TALBA</u>**

4. Fin-nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ l-atturi nomine ghall-kontro-talba tal-konvenuti nomine gie eccepit hekk:

(1) Illi t-talbiet tal-konvenuti nomine fil-kontro-talba taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-atturi nomine kellhom jikkonsenjaw dak mitlub mill-konvenuti f’kaz li huma jpoggu a disposizzjoni taghhom “stand” go fiera, liema fiera ma sehhitx kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-obbligu kondizzjonali ta’ l-atturi ma giex res esegwibbli peress li l-kundizzjoni ma avveratx ruhha.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

5. B’sentenza tat-8 ta’ Marzu, 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet billi:

(1) Cahdet il-kontro-talba tal-konvenuti nomine ghaliex il-“modem” u s-“software” indikati mis-socjeta` konvenuta kien suggett ghall-fatt li l-istess socjeta` attrici tinghata l-opportunita` mis-socjeta` konvenuta li tiehu parti f’fiera liema kondizzjoni pero` ma avveratx ruhha;

(2) Naqqset is-somma mitluba mill-atturi fic-citazzjoni bis-somma ta' LM1,000 peress li s-socjeta` konvenuta ghamlet pagament ta' elf Lira Maltija (LM1,000), liema pagament ma giex inkluz fil-prospett li ipprezentat is-socjeta` attrici meta huwa car mid-dokumenti esebiti minn fol. 130 sa 132 li dan il-pagament sar u li dan l-istess pagament mhux imdahhal fl-imsemmi prospett;

(3) Naqqset is-somma mitluba mill-atturi fic-citazzjoni b'somma ohra ta' elf tlett mija u wiehed u tmenin Lira Maltija (LM1,381) (LM601 + LM780) ghaliex l-atturi nomine naqsu milli jipprezentaw *prova dokumentarja* li l-konvenuti nomine ordnaw software upgrades konsenjati lilha mis-socjeta` attrici u li fil-fatt saru.

(4) Naqqset is-somma mitluba mill-attur fic-citazzjoni b'somma ohra ta' LM700 u dana bhala l-prezz ta' reklamar li allegatament sar a beneficcju tas-socjeta` attrici f'pubblikazzjoni tas-socjeta` konvenuta u liema reklamar kien gie ordnat u accettat mis-socjeta` attrici minkejja l-allegazzjoni ta' John Agius li dan l-ammont kien ittiehed in konsiderazzjoni meta sar l-imsemmi prospett, haga li ma tirrizultax mill-prospett.

(5) Ghalhekk laqghet it-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' LM2,331.21 bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza, bl-ispejjez jithallsu kwantu ghall-kwart (1/4) mis-socjeta` attrici u kwantu ghar-rimanenti tlett kwarti (3/4) mis-socjeta` konvenuta.

(6) Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**<u>L-APPELL TA' L-ATTURI NOMINE</u>**

6.1 L-atturi nomine hassew ruhhom aggravati minn din is-sentenza u minnha interponew appell fuq l-aggravju segwenti:-

6.2 Skond is-socjeta` appellanti l-ammonti mnaqqsa fis-sentenza ghandhom jigu riportati fil-kont finali pagabbli ghas-segwenti ragunijiet:

(1) Is-somma ta' LM1,381 in konsiderazzjoni ta' *software upgrades* tnaqqset il-ghaliex skond is-sentenza *l-atturi* kellhom jippruvaw li gew ordnati lilhom mill-konvenuti bil-miktub. Intant pero`, dawn l-*upgrades* gew accettati mill-konvenuti noe, li iffirmaw ghalihom (ara xiehda ta' Sergio Galea 29 ta' Jannar, 1996) u nzammu mill-konvenuti noe, li sal-lum, ma offrewhomx lill-atturi jew iddepozitawhom taht l-Awtorita` tal-Qorti!

Jekk il-konvenuti noe ma kienux ordnaw dawn l-*upgrades*, ghaliex ma irrifjutawhomx? Meta l-konvenuti noe kitbu lill-atturi (Dok. GSb, fol. 187) ilmentaw fuq kollox, izda mhux fuq din il-kwistjoni!

Ghalhekk, is-somma ta' LM1,381 ghandha tigi mizjuda mas-somma dovuta.

(2) A rigward tat-tnaqqis ta' LM700 bhala l-prezz ta' reklamar li sar a beneficcju tas-socjeta` attrici f'pubblikazzjoni tas-socjeta` konvenuta u liema reklamar kien gie ordnat u accettat mis-socjeta` attrici, li kieku l-konvenuti gabu l-kopja tal-magazine taghhom stess li minnu jirrizulta r-reklamar, forsi wiehed jasal biex jaqbel. Imma li tnaqqas id-domanda meta kien ghall-konvenuti jippruvaw izda ma ippruvawx, huwa zbaljtat.

Ghalhekk, is-somma ta' LM700 ghandha tigi mizjuda mas-somma dovuta.

(3) Kuntrarju ghal dak li irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti ma jirrizultax mill-provi prodotti mill-konvenut li kien sar pagament ta' LM1,000 u li dak l-ammont ma tnaqqasx mill-ammont reklamat. Huwa car mill-prospett esebit illi pagamenti gew raggruppati, u fi kwalunkwe kaz kien ghall-konvenuti li jippruvaw l-allegazzjoni b'mod sodisfacenti.

Ghalhekk, is-somma ta' LM1,000 ghandha tigi mizjuda mas-somma dovuta.

(4) Is-sentenza iddecidiet, zbaljtament, illi l-imghax huwa dekorribbli mid-data taghha. It-talba attrici hija fis-

sens illi l-imghax ghandu jiddekorri mis-27 ta' Novembru 1991, mentri ma saret ebda prova mill-konvenuti dwar meta kienet id-data tal-commissioning tal-hardware mixtri. Ghalhekk, ai termini ta' l-Art. 1141(1) tal-Kap. 16, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data mitluba fic-citazzjoni.

Ghaldaqstant l-atturi nomine appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-8 ta' Marzu 2002, fl-ismijiet premessi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi noe kif dedotti fic-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma totali ta' LM5,412.21, bl-imghax kummercjali mis-27 ta' Novembru 1991, sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tad-19 ta' Awissu 1993, kontra l-konvenuti nomine, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija taghha.

## **IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' GEORGE SPITERI ET NOMINE**

7. Bi twegiba l-appellati nomine wiegbu hekk:
Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma fl-intier taghha.

Illi fir-rikors ta' l-appell taghha s-socjeta` appellanti qed tippretendi li l-ammonti kollha li gew mnaqqsa mill-Ewwel Qorti ghandhom jizdiedu fil-kont finali pagabbli mis-socjeta` appellata.

8. Fil-fatt, isostnu l-appellati nomine, ma jezistux ragunijiet validi ghaliex il-konteggi maghmula mill-Ewwel Qorti, ma ghandhomx jigu accettati fit-totalita` taghhom.

(1) Illi mill-analizi tal-fatti kif hargu mill-provi mressqa jirrizulta li l-appellati ordnaw minghand l-appellanti hardware, software u consumables. In kwantu ghas-software kien hemm tliet tipi ta' software: Real Estate Software, Novelle Software u Modem and Communcation Software. Dan jirrizulta ampjament mill-kuntratt originali bejn il-partijiet datat 27 ta' Novembru 1991, u esebit bhala Dok. "A".

Illi hemm qbil car bejn il-partijiet illi s-socjeta` appellanti naqset li tikkonsenja l-Modem and Communication software. Dan jirrizulta ampjament mix-xiehda, anke ta' l-istess John Agius li ta fis-7 ta' Frar 1994, pagna 3.

Illi mix-xiehda li nghatat minn George Spiteri jirrizulta wkoll li l-iskop ewlieni ghaliex l-appellati kienu ghazlu li jixtru s-sistema in kwistjoni minghand l-appellanti kien precizament dan il-Modem and Communication software, li kien jaghmilha possibbli li l-problemi li tinqalghalha s-sistema, jigu rizolti minn fuq is-sistema tat-telefonija, i.e. a distanza mill-istess appellanti. Dan fil-fatt jaghti vantagg enormi u jippermetti intervent rapidissimu. Dan jirrizulta car mix-xiehda li nghatat minn George Spiteri fis-6 ta' Marzu 1995, pagna 2. Dan jirrizulta wkoll mill-offerta li hemm a fol. 122 tal-process li tghid li "Online maintenance is intended to be implemented by beginning 1992."

Illi din il-verzjoni tal-fatti li ta George Spiteri hija ikkonfermata wkoll mix-xiehda li ta x-xhud ta' l-appellanti John Agius fit-2 ta' Mejju 1994, pagna 16, fejn jghid: "Ahna offrejnihulhom biex mill-ufficcju taghna inkunu nistghu nidhlu fis-sistema tieghu. Dan l-Modem and Communication software fil-fatt qatt ma gie ikkonsenjat.

(2) Illi l-ewwel Qorti deherilha li kellha tnaqqas is-somma ta' LM1,381, mill-kont ta' l-appellanti peress li l-appellati qatt ma ordnaw is-software upgrades li ghalihom gew mitluba jhallsu l-istess l-appellati. Illi fil-fatt mill-provi mressqa ma irrizultawx zewg affarijiet: la irrizulta li s-software upgrades effettivament saru; u lanqas ma irrizulta li l-appellati b'xi mod orndaw tali software upgrades. Il-kuntratt bejn il-partijiet kien car u inekwivoku u ma kienx jinkludi dawn is-software upgrades. Interessanti l-fatt li jekk wiehed jara d-data ta' l-invoice tas-software upgrades, wiehed isib illi din antecedenti ghad-data ta' l-invoice tas-software innifsu. Kif jista' jkun li software li ghadu ma giex ikkonsenjat jigi upgraded

Illi fir-rikors ta' l-appell taghhom ir-rikorrenti retorikament jistaqsu: jekk il-konvenuti noe ma kienux ordnaw dawn l-

upgrades ghaliex ma irrifjutawhomx? Din id-domanda retorika jixirqilha risposta retorika wkoll: Jekk oggett ma kienx ikkonsenjat kif jista' jigi rifjutat?

(3) Illi in kwantu jirrigwarda t-tnaqqis ta' LM700 dan ukoll jimmerita konferma. Huwa car u inekwivoku r-ragunament legali wara tali tnaqqis. Sergio Galea jikkonferma li hu kien personalment involut fl-ordinar ta' reklami mill-appellanti, f'magazine ta' l-appellati u l-booking form kienet iffirmata minn John Agius stess. Dan ukoll jikkonfermah l-istess John Agius li jikkonferma wkoll li r-reklamar pattwit effettivament sar. Ma jirrizultax pero` minn imkien li din is-somma ittiehdet in konsiderazzjoni meta gie redatt il-prospett u ghalhekk l-allegazzjoni ta' l-appellanti li huma kienu diga` naqqsu s-somma ta' LM700 meta waslu ghall-ammont pretiz bl-ebda mod ma giet ippruvata.

(4) Illi l-istess argument huwa applikabbli in kwantu jirrigwarda t-tielet aggravju ta' l-appellanti, cioe` dak li jirrigwarda l-LM1,000. L-appellati esebew b'mod car ,ordinat u univoku l-pagamenti kollha li ghamlu lill-appellanti. Fil-fatt gew esebiti kopji tac-cheques kollha u dawn juru bla ebda dubbju li l-appellati hallsu lill-appellanti s-somma ta' LM17,566. Il-prospett ta' l-appellanti jghid li l-pagamenti li saru mill-appellati jammontaw ghal LM16,566. Fil-fatt l-ewwel Qorti dahlet fid-dettall sew dwar jekk dan il-pagament ta' LM1,000 sarx jew le, u ir-rizultat fl-affermattiv ma jistax jigi logikament imbiddel. Ghalhekk timmerita wkoll konferma l-ewwel decizjoni li tistabilixxi li l-ammont ghandu wkoll jigi ridott b'LM1,000.

(5) Illi in kwantu jirrigwarda d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-imghax, anke din timmerita konferma u l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza u mhux mid-data ta' l-allegata konsenja. Dan qed jinghad minhabba s-segwenti ragunijiet:

- Primarjament sabiex l-imghax jiddekorri awtomatikament iridu jigu sodisfatti zewg kriterji: id-dejn irid ikun wiehed kummercjali (Art. 1141 tal-Kap. 16) u l-ammont dovut ikun determinat (Art. 1139 tal-Kap. 16).

F'dan il-kaz irrizulta car u manifest li ghalkemm ic-citazzjoni giet redatta bhal li kieku l-ammont kien wiehed cert, likwidu u dovut, fil-fatt irrizulta mod iehor, peress illi l-ammont ta' LM5,412.21 zgur li ma kienx cert, jew likwidu jew dovut fl-interita` tieghu. Fil-fatt l-istess l-ewwel Qorti kellha toqghod taghmel ezercizzju ta' likwidazzjoni ta' l-ammont dovut.

- Sekondarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-provi mressqa u kif anke suespost, irrizulta li l-appellanti naqsu li jikkonsenjaw dak kollu miftiehem lill-appellati, u in vista ta' din l-inadempjenza ammessa minnhom stess u issa ma jistghux validament jippretendu li jiehdu, l-imghaxijiet mid-data ta' kuntratt li huma stess ma onorawx.

Ghalhekk l-appellati nomine talbu lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell ta' l-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza hawn fuq indikata tat-8 ta' Marzu 2002, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

9. Skond l-appellanti nomine, l-ammonti li gew imnaqqsa mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma kellhox jigu mnaqqsa. Jissottomettu wkoll li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta iddecidiet li l-interessi dovuti kellhom jitqiesu mid-data tas-sentenza. Dwar it-tieni aggravju l-atturi nomine jissottomettu li huma talbu imghax mid-data tal-ftehim. A bazi ta' l-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16, in assenza ta' provi kuntrarji min-naha konvenuta, l-interessi kellhom ta' lanqas jibdew jiddekorru mid-data mitluba fl-att tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

10. Dwar l-ammonti mnaqqsa mill-ewwel Qorti, l-appellanti nomine jissottomettu li,

i) l-ammont ta' LM1,381 in konsiderazzjoni ta' software upgrades tnaqqas peress illi l-Qorti qalet li l-attur naqsu li jgibu provi in iskritt biex juru li tali upgrades gew accettati mill-konvenuti noe. L-appellanti jissottomettu li tali upgrades gew accettati mill-konvenuti noe li infatti iffirmaw ghalihom (xiehda ta' Sergio Galea) u

zammewhom sal-lum. Jghidu li jekk il-konvenuti noe ma kienux orndaw dawn l-upgrades imisshom irrifjutawhom u jissottomettu li meta l-konvenuti noe kitbulhom (Dok GSb) ilmentaw fuq kollox izda mhux fuq din il-kwistjoni.

ii) Dwar l-ammont ta’ Lm700 li gie mnaqqas bhala prezz ta’ reklamar li sar a beneficcju tas-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta f’pubblikazzjoni taghha jilmentaw li din id-decizjoni kienet forsi tkun gustifikata li kieku s-socjeta` konvenuta gabet kopja tal-magazine fejn sar dan ir-reklam, izda l-konvenuti naqsu li jippruvaw dan.

iii) Dwar l-ammont ta’ LM1,000 jissottomettu li mill-provi prodotti mill-konvenuti ma jirrizultax li sar dan il-pagament u li tali pagament ma tnaqqasx mill-ammont reklamat minnhom. Jargumentaw illi jidher car li fil-prospett il-pagamenti gew raggruppati. Fi kwalunkwe kaz il-konvenuti kienu obbligati jippruvaw din l-allegazzjoni b’mod sodisfacenti.

11. Min-naha taghhom, il-konvenuti appellati nomine, jghidu li ma jezistux ragunijiet validi ghaliex il-konteggi maghmula mill-ewwel Qorti ma ghandhomx jigu accettati. Jghidu –

i) li mill-provi prodotti la jirrizulta li tali upgrades kienu gew ordnati minnhom, wisq inqas li saru. Inoltre, jzidu li jekk wiehed jara d-data ta’ l-invoice tas-software upgrades, wiehed isib li din hija antecedenti ghad-data ta’ l-invoice tas-software innifsu. B’hekk jikkummentaw li ma jistax ikun li software li ma kienx ghadu ikkunsenjat jigi upgraded.

ii) dwar is-LM700 imnaqqsa jissottomettu li Sergio Galea ikkonferma personalment li hu kien involut fl-ordinar ta’ reklami mill-appellanti u jghid li kien hemm booking form iffirmata minn John Agius. John Agius innifsu jikkonferma li tali reklamar sar. Ma jirrizultax izda li din is-somma ttiehdet in konsiderazzjoni meta gie redatt il-prospett mis-socjeta` attrici. B’hekk l-allegazzjoni ta’ l-appellanti li huma kienu diga` naqqsu dan l-ammont meta ikkalkulaw l-ammont dovut ma gietx ippruvata.

iii) Dwar l-LM1,000 jghidu li huma kienu esebew kopji tac-cheques li bihom hallsu lis-socjeta` appellanti u ma jirrizultax li tali ammonti tnaqqsu kollha.

iv) Finalment jissottomettu li l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza u mhux mid-data ta' l-allegata konsenja. Biex l-imghax jiddekorri awtomatikament id-dejn irid ikun kummercjali (Artikolu 1141 tal-Kap. 16) u l-ammont irid ikun determinat (Artikolu 1139 tal-Kap. 16). Jilmentaw li ghalkemm ic-citazzjoni giet redatta bhal li kieku l-ammont kien cert, irrizulta mod iehor u l-Qorti kellha tiddeciedi liema kien l-ammont dovut. Inoltre, jghidu li mill-provi prodotti irrizulta li l-appellanti naqsu li jikkonsenjaw dak kollu li fuqu ftehmu l-partijiet u b'hekk ma jistghux validament jippretendu li jiehdu l-imghaxijiet mid-data ta' kuntratt li huma stess ma onorawx.

12. Jidher evidenti li l-aggravju ta' l-attur nomine fil-meritu qieghed jimplika necessarjament li l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad kienet skorretta u li, konsegwentement, dak li gie deciz mill-ewwel Qorti ghandu jigi rivedut u riformat minn din il-Qorti. Bilkemm hemm ghalfejn li jigi mtenni li hija prassi ben stabbilita u segwita minn din il-Qorti li hija ma tiddisturba qatt leggerment tali evalwazzjoni jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet gravi li jiddettaw xort'ohra. (Hekk ara, fost ohrajn, id-decizjoni ta' din il-Qorti in re: "Neville Xuereb v. Raymond Aquilina pro et moghtija fis-6 ta' Dicembru 2002, kif ukoll dik moghtija fit-2 ta' Dicembru 1994, mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) in re: "Carmelo Agius v. John Agius".)

13. Fil-kaz in ezami, l-atturi nomine ippruvaw permezz ta' prospett u produzzjoni ta' fatturi u delivery notes li huma ghad ghandhom jiehdu xi hlasijiet minghand is-socjeta` konvenuta Grands Real Estate Limited. Jidher madanakollu li tali provi ma ikkonvincewx lill-ewwel Qorti li l-ammont pretiz mill-appellanti kien kollu dovut mis-

socjeta` konvenuta, b'konsegwenza li din naqqset l-ammont mitlub fic-citazzjoni.

Dik il-Qorti kienet naqqset is-somma ta' LM1,381, liema ammont ikopri l-prezz ta' zewg software upgrades li allegatament gew konsenjati lis-socjeta` appellata mis-socjeta` attrici. Fil-prospett ipprezentat mill-appellanti li jinsab a fol. 59 tal-process (markat Dok A) jidher li l-fatturi li jkopru dawn l-upgrades huma dik bin-numru 376 datata 15 ta' Jannar 1992, (skond il-prospett) fl-ammont ta' LM601 u dik innumerata 581 datata 27 ta' Mejju 1992, fl-ammont ta' LM780. Jigi mill-ewwel rilevat illi dawn iz-zewg fatturi ma gewx esebiti mal-fatturi ipprezentati mis-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici tispjega dan in-nuqqas fil-paragrafu C ta' dokument spjegattivi li hija esebiet ma' l-istess fatturi u delivery notes[1]. Tispjega li l-fatturi originali "are either missing or else left at Grands Real Estate offices at time of delivery." Tkompli tispjega li pero` hija ghandha d-*delivery notes* ta' dawn l-upgrades li gew ipprezentati u huma markati specifikatament SW u li ghandhom miktub fuqhom il-*cost value* ta' l-affarijiet konsenjati[2]. Jirrizulta li l-kopji ta' dawn id-*delivery notes* li huma allegatament iffirmati minn Sergio Galea, li kien manager impjegat mas-socjeta` konvenuta mill-1 ta' Jannar 1992, sa l-ahhar tal-1993[3]. Sergio Galea jixhed li f'dak iz-zmien hu kien jiehu hsieb jixtri xi prodotti li ghandhom x'jaqsmu mas-sistema tal-computers u kien anke jiffirma d-*delivery notes* meta ssir il-konsenja. Fid-deposizzjoni tieghu tad-29 ta' Jannar 1996, Galea qal li hu jaghraf il-firem tieghu fuq id-*delivery notes* li jinsabu a fol. 134 – 140 tal-process[4] u li gew esebiti mis-socjeta` konvenuta. Jikkonferma wkoll il-firma tieghu fid-dokumenti a fol. 98 sa 105, li huma kopji ta' l-istess *delivery notes* li huma esebiti a fol. 134 –140, izda li gew esebiti mill-atturi. Inoltre, jikkonferma wkoll il-firma tieghu fid-dokument C a fol. 109. Dawn id-dokumenti huma *delivery notes* bir-referenza Grands/DN/001 sa 009. Jikkonferma wkoll li s-socjeta` konvenuta rceviet l-oggetti

[1] fol. 97
[2] Dok E u D a fol. 111 u 112
[3] fol. 158
[4] fol. 158

indikati fl-istess *delivery notes* fl-ufficini taghha[5]. Galea pero` qatt ma ikkonferma l-firma tieghu fuq id-*delivery notes* li jikkoncernaw is-software upgrades. Anzi meta kien ra l-prospett Dok A a fol. 59 tal-process ikkonferma li l-oggetti kollha msemmija kienu oggetti tajbin li gew konsenjati mis-socjeta` attrici izda zied li "Ghandi biss xi rizervi dwar item li hija SW Upgrades cioe` jiena ghandi rizervi fuq zewg items li t-tnejn jirrigwardaw Software Upgrades."[6]

14. Fix-xiehda tieghu Sergio Galea jghid li dan ir-Real Estate Software, li tieghu allegatament saru l-upgrades kien qed jaghtihom xi diffikulta`. Huma setghu juzaw biss parti izda l-programm ma kienx jghaggel bizzejjed u b'hekk ma setghux jaqdu lill-klijenti malajr peress li s-sistema fornita lilhom kienet qed iddum hames minuti biex ittella' l-informazzjoni. Jghid li b'hekk huma kienu kellmu lis-socjeta` attrici u din kellha tirreferi l-problema lis-supplier tas-softwear. Izid li b'hekk huma kienu juzaw programm separat li kien ghamel hu stess u l-programm supplit mis-socjeta` attrici qatt ma ntuza minnhom.[7] Inoltre, aktar kmieni fix-xiehda tieghu Galea ikkonferma li kien hu stess li kien ifformola l-i*specifications* ghal dawn il-programmi u kollox kien jaqbel pero` kienet il-*performance* li kienet difettuza. B'hekk hu stess kiteb lis-socjeta` attrici rigward il-problema. Jirrizulta infatti li Galea kien baghat ittra lis-socjeta` appellanti b'dan l-ilment fis-26 ta' Ottubru 1992 (Dok B21 a fol. 142 u Gsb a fol. 187). B'hekk hu difficli li wiehed jemmen li dawn l-upgrades verament saru meta minn din il-korrispondenza datata Ottubru 1992, jirrizulta li l-programm ma kienx qed jahdem. Il-verzjoni ta' Sergio Galea hija wkoll konfermata mix-xiehda tad-direttur tas-socjeta` konvenuta George Spiteri li jghid li huma qatt ma talbu upgrades ghaliex is-sistema qatt ma hadmet[8], izid li ma hemmx *delivery note* jew accettazzjoni mis-socjeta` konvenuta li dawn l-upgrades saru.

---

[5] fol. 159
[6] fol. 162
[7] fol. 183
[8] fol. 91

15. Kif gie spjegat aktar ’il fuq il-fatturi ma gewx pprezentati – gew izda pprezentati kopji ta’ zewg *delivery notes* allegatament firmati minn Sergio Galea. Dan ix-xhud pero` ma ikkonfermax il-firma tieghu fuqhom anzi kif sewwa qalet l-ewwel Qorti esprima rizerva jekk qatt sarux dawn l-upgrades. Ghalhekk is-socjeta` attrici ma gabitx l-aqwa prova kif hija obbligata taghmel. Id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti, f’dan ir-rigward hija korretta peress li l-atturi naqsu li jippruvaw li tali upgrades gew ordnati u li effettivament saru. Inoltre, John Agius, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` appellanti jsostni li dawn l-upgrades kellhom isiru peress li l-“ispecifications” moghtija lilhom mill-konvenuti ma kienux adegwati, u li bhas-software gew mahduma minn socjeta` l-Ingilterra, izda ma gab l-ebda prova ta’ dak li qed jghid. Ghalhekk l-ammont ta’ LM1,380 ghandu jigi mnaqqas.

16. Illi fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti s-socjeta` konvenuta insistiet illi kien sar pagament illi ma giex imnaqqas fil-prospett maghmul mis-socjeta` attrici. John Agius, direttur tas-socjeta` attrici xehed li l-pagamenti maghmula kienu ttiehdu in konsiderazzjoni meta sar il-prospett esebit a fol. 59. Qal li kienu saru diversi pagamenti mis-socjeta` konvenuta “pero` ma nistax niftakar jekk fil-fatt kienx hemm xi hlas ta’ LM1,000”[9]

17. Jirrizulta, inoltre, li fil-prospett Dok A (a fol. 159) gew mnaqqsa hames pagamenti – LM3,800, LM5,000, LM1,000, LM4,000 u LM2,766. Is-socjeta` konvenuta esebiet kopji ta’ sitt cekks taghha mahruga favur is-socjeta` attrici esebiti a fol. 130 – 132 – dawn kollha gew imsarrfa u huma ghall-ammonti segwenti LM4,000, LM2,766, LM1,000, LM5,000, LM3,800 u LM1,000. – Jidher ghalhekk illi saru zewg pagamenti ta’ LM1,000 mis-socjeta` konvenuta, wiehed cekk numru 2 datat 25 ta’ Jannar 1992 (fol. 131) u l-iehor bin-numru 499 datat 1 ta’ Awissu 1992 (fol. 132). Fil-prospett, pero` tnaqqas pagament wiehed ta’ elf lira u ghalhekk id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti f’dan ir-rigward hija wkoll korretta.

[9] fol. 193

18. Finalment il-konvenuti kienu sostnew li l-ammont mitlub fic-citazzjoni kellu jitnaqqas b'LM700 u dan bhala prezz ta' reklamar li s-socjeta` konvenuta kienet ghamlet f'pubblikazzjoni taghha lis-socjeta` attrici. Dwar dan Sergio Galea jixhed fis-seduta tat-12 ta' Mejju 1998, u jikkonferma li huma kienu ghamlu xi reklamar fuq magazine li kienu johorgu u dan sar fuq istruzzjonijiet tas-socjeta` attrici, li kellha thallas LM700. Jikkonferma li hu kien involut personalment f'din il-kwistjoni u jekk jiftakar sew kien hemm booking form iffirmata minn John Agius ghas-socjeta` attrici[10]. John Agius ma jichadx li verament kien hemm tali ftehim bejn il-partijiet pero` ma setax jikkonferma jekk ir-reklami sarux jew le. Jghid li "Pero` niftakar li kienu saru reklami f'magazine wiehed pero` jekk minhix sejjer zball dawn kienu ttiehdu in konsiderazzjoni meta nhadem il-kont."[11]

19. Kif sewwa issottomettew l-appellanti la l-"booking form" allegatament iffirmata minn Agius u lanqas ir-rivista bir-reklam ma' gew esebiti mill-konvenuti noe li kienu obbligati jgibu l-ahjar prova fir-rigward ta' din l-allegazzjoni. Izda l-veracita` ta' dak li qed jghidu l-konvenuti hija ikkonfermata minn John Agius stess li ikkonferma li tali ftehim sar u li anke r-reklamar sar. Insista izda li dan ir-reklamar kien ittiehed in konsiderazzjoni meta sar il-prospett. Minn ezami tal-prospett jidher li dan mhux minnu. B'hekk kellha ragun l-ewwel Qorti.

20. Jibqa' l-aggravju ta' l-appellanti dwar l-imghax. L-appellanti ma qablux mad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza. Skond l-appellanti kellu jiddekorri mid-data tal-ftehim ai termini ta' l-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16. L-appellati min-naha taghhom jissottmettu li biex l-imghax jiddekorri awtomatikament jehtieg li d-debitu jkun kummercjali u li jkun ukoll f'ammont determinat (Artikolu 1139). Jghidu li dan mhux il-kaz odjern. Inoltre, izidu li peress li l-appellanti naqsu milli jikkonsenjaw dak kollu li kienu ftehmu dwaru u b'hekk m'onorawx il-ftehim ma jistghux

[10] fol. 183 - 184
[11] fol. 194

jippretendu li jiehdu l-imghaxijiet mid-data ta' l-istess ftehim.

21. L-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 jiddisponi li
"…jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, d-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."

Is-subinciz (1) ta' l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili jghid illi
"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghaddu 'ipso iure', l-imghaxijiet ghandhom jghoddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita."

22. Issa fil-kaz in ezami ma ghandux ikun hemm dubbju li si tratta ta' obbligazzjoni ta' natura kummercjali konsiderat in-negozju kondott bejn iz-zewg partijiet. Gie ritenut illi "ir-raguni ghaliex fuq debitu kummercjali *likwidu u ezigibbli* d-dekorenza ta' l-interessi hija "di pieno diritto" tinsab fil-fatt illi l-interessi jirraprezentaw lukru li d-debitur jippercepixxi b'vantagg proprju minn kapital li jispetta lill-kreditur tieghu, li jista' ugwalment jaghmel profitt minn dawk l-interessi."[12]

23. L-appellati nomine jillanjaw li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet korretta ghaliex l-ammont mitlub ma hux wiehed determinat, izda gie stabbilit b'rizultat ta' ezercizzju ta' likwidazzjoni. Tul il-kawza is-socjeta` konvenuta tallega li xi ammonti mhallsa ma kienux tnaqqsu mill-prospett preparat mis-socjeta` attrici u tghid ukoll li kellu jitnaqqas ammont iehor peress li ghamlet reklamar lis-socjeta` attrici. Id-direttur tas-socjeta` konvenuta jghid li huma ma kienux ircevew l-invoices kollha u jixhed li l-invoices li ma hallsux ma kellhomx sekwenza fin-numru ta' referenza taghhom. Inoltre, jixhed li l-invoices li s-socjeta` attrici qed tallega li ma thallsux mhux kollha huma enumerati u datati. Pero` jaqbel li wara li sar il-ftehim is-socjeta` konvenuta kienet baqghet tixtri consumables minghand is-socjeta` attrici – jghid pero` li

[12] Spiridione L. Mizzi pro et noe v. Emmanuele Falzon PA Kummerc 16/2/1954

dejjem hallsu u ma jaqbilx li s-socjeta` konvenuta baqghalha thallas l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici. Inoltre, jzid li s-software li ordnaw qatt ma thaddem u qatt ma gie "commissioned".[13] Jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet baghtet tinforma lis-socjeta` konvenuta x'kien fadal jithallas u b'hekk din facilment setghet ikkalkulat liema ammonti kienu ghadhom dovuti.

24. Dwar dan it-tieni aggravju, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti nomine naqsu milli jaghmlu l-ezercizzju mehtieg biex jivverifikaw u jikkontrollaw ezattament x'hallsu u x'kien ghad baqa' dovut min-naha taghhom. Kwindi jsegwi li ghalkemm l-appellati nomine ghandhom ragun fir-rigward ta' dawk l-ammonti li tnaqqsu mill-ewwel Qorti. L-istess ma jistax jinghad dwar il-bqija tas-sorte – li fil-fatt irrizultaw li kienu certi u dovuti. Ghalhekk fir-rigward ta' dak li kien dovut minnhom mill-ammont reklamat mill-atturi nomine, l-appellati nomine ma kienux, u ma humiex gustifikati li jonqsu mill-obbligazzjonijiet minnhom assunti.

25. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li ghandu jiddetermina l-mument minn meta ghandhom jghaddu l-interessi huwa d-data meta kellu jsir il-pagament. Fil-ftehim taghhom, il-partijiet qablu li l-pagamenti kellhom isiru – 25% fil-gurnata ta' l-iffirmar tal-ftehim, 50% meta jigu konsenjati l-affarijiet u l-kumplament *on commissioning*. Skond is-socjeta` attrici s-sistema giet fil-fatt "commissioned". John Agius jixhed li hu kien ikkonsenja l-affarijiet personalment u is-*software* gie "fully commissioned". Infatti jghid li hu qatt ma rcieva xi ilment mis-socjeta` konvenuta dwar dan. Min-naha tieghu d-direttur tas-socjeta` konvenuta jillamenta li s-sistema qatt ma giet commissioned, izda ma jgibx provi dwar l-allegazzjoni tieghu. B'hekk jidher li l-mument fokali ghad-dekorriment ta' l-interessi ma ghandhiex tkun id-data tal-ftehim bejn il-partijiet. Peress illi ma giex ippruvat meta gie ikkummissjonat is-software, id-data minn meta ghandhom jiddekorru l-interessi ghandha tkun id-data ta' l-ispedizzjoni ta' l-ittra interpellatorja tad- 19 ta' Awissu 1993, u f'dan is-sens

[13] a fol 151 et seq.

ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi parzjalment milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-atturi appellanti nomine in parte u limitatament ghall-aggravju dwar l-interessi dovuti fuq is-sorte fis-sens li dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tad-19 ta' Awissu 1993, sal-pagament effettiv u f'dan ir-rigward is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi riformata, u kwantu ghall-appell fil-mertu, tikkonferma s-sentenza appellata bic-cahda ta' l-appell relattiv ta' l-atturi nomine kwantu jikkoncerna s-sorte.

Fic-cirkostanzi, il-kap ta' l-ispejjez relattiv ghall-ewwel istanza jibqa' kif deciz mill-ewwel Qorti u l-ispejjez relativi ghal dan l-appell jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-istess appellanti nomine u terza parti (1/3) mill-appellati nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------